# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*


## Seduta numru 21 tas-7 Leġislatura
## Illum it-Tnejn 1 ta' Diċembru 2014

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 21 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar it-Tnejn 1 ta' Diċembru 2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Attivitajiet tal-Milied
5. Proġett ta' Wesgħat il-Ġublew
6. Preparamenti għall-Ġieħ l-Imġarr
7. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, il-Kunsillier Mario Sammut, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli. Id-Deputat Sindku Eman Vella kien skuzat.
L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Elaine Vella kienet assenti.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, Paul Vella.

### 1 Minuti

*Punti mill-Minuti*

*dwar Punt 3.3 :* Eman Vella semma li segwa dan il-proġett mal-Valley Management Unit u nfurmah li ser ikun parti mill-proġetti li għandhom jitwettqu is-sena id-dieħla.

*dwar Punt 3.6 :* Clayton Gauci semma' li kien intlaqħaq qbil biex dan il-proġett jitkompla u it-triq bejn Banjiet Rumani u Triq Ganfra tigi triq pedonali.

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il fatt li Dorianne Mifsud, impjegata tal-Kunsill, kienet waslet sabiex titla minn Skala ta' Salarju 15 għall-Skala ta' Salarju 14, skont il-Ftehim Kollettiv. Il-Kunsill approva dan.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kwotazzjonijiet biex jinxtara dehumidifier għall-użu fil-bini tal-Kunsill. il-Kunsill approva li jinxtara wieħed mingħand Oxford House peress li kien l-aktar wieħed vantaġġjuż.

3.3 Is-Sindku informa li Madame Tempra kienet ressqet proposta ta' katalgu ġdid għat-Tempra Museum li jinsab fil-binja tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel dwar dan imma kellu riservi dwar it-tqassim ta' dan il-kataolgu. Għalhekk ser issir laqgħa ma' Madame Tempra fejn jiġi diskuss il-katalogu kif ukoll jinbeda' il-proċess tal-ftehim għal-mgħodija tal-arti tal-mużew lill-Kunsill.

3.4 Is-Sindku ressaq il-proposta tat-TCTC dwar korsijiet tal-computer fil-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill approva dan.

3.5 Is-Sindku informa li Mario Vassallo u Victoria Grech qed jaħdmu dwar sensiela ta' laqgħat informattivi b' laqta Mġarrija għall-ġimgħat li ġejjin.

3.6 Clayton Gauci informa li ġie organizzat trasport għall-President's Fun Run u li din kienet mimlija kollha.

3.7 Is-Sindku inorma li l-E.T. il-President tar-Repubblika kienet attendiet għall-Maraton Sports u għamlet stedina sabiex tittella' attivita' fil-Palazz ta' Verdala.

3.8 Clayton Gauci ippropona li jerġa' jsir il-kors tal-fotografija.

3.9 Is-Sindku ippropona li ssir CCTV Camera mal-bini tal-Kunsill sabiex tħares il-proġett ta' Wesgħat il-Ġublew.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

## 4. Attivitajiet tal-Milied

4.1 Il-Kunsill iddiskuta u qabel dwar attivitajiet għall-żmien il-Milied. Ġie deċiż li fid-19 ta' Diċembru fis-7pm issir eżibizzjoni f' għeluq l-għoxrin sena mill-pubblikazzjoni ta' 'Il-Miġbħa' fil-bini tal-Kunsill.

## 5. Proġett Wesgħat il-Ġublew

5.1 Il-Kunsill iddiskuta il-proġett ta' Wesgħat il-Ġublew. Il-Kunsill qed jistenna id-deċiżjoni tal-Bord tal-MEPA dwar il-fondi tal-UIF u l0iffirmar tal-ftehim sabiex dan il-proġett jitwettaq.

5.2 Uħud mill-partijiet għall-dan il-proġett jinsabu miftuħin għall-sejħa għall-offerti, liema sejħa tagħlaq f' Jannar tas-sena id-dieħla.

## 6. Preparamenti Ġieħ l-Imġarr

6.1 Il-Kunsill iddiskuta il-preparamenti għall-Ġieħ l-Imġarr 2015.

6.2 Ġie deċiż li Ġieħ l-Imġarr 2015 isir nhar il-Ħadd 8 ta' Frar 2015.

## 7. Affarijiet Mixxelanji

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq mozzjoni numru 7/2014 dwar Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-Servizz tal-Internet minħabba il-proċess tal-online streaming tal-laqgħat tal-Kunsill. Din il-mozzjoni ġie approvat unanimament.

7.2 Elizabeth Ebejer talbet li ssir traffic-mirror faċċata tal-ispizerija fi' Triq il-Kbira. Is-Sindku kellu jara jekk kienx hemm waħda hemmhekk diġa'.

## Aġġornament

Is-Seduta ntemmet fit-8:10pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 14 ta' Jannar 2015 fil-5:30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku